**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Dicembru, 2018**

**Rikors nru: 236/2015/1 AGV**

A

vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fit-12 ta' Mejju, 2017 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1.Illi l-kontendenti zzewwgu nhar il-31 ta' Lulju, 1993 minghajr kitba ta' zwieg u ghalhekk permezz ta' zwieg taghhom il-kommunjoni tal-akkwisti giet stabbilita bejn il-partijiet bhala ir-regim matrimonjali li tirregola l-proprjeta' taghhom. Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, C illi twieldet fis-17 ta' Frar, 1995 u D illi twieldet fit-22 ta' Marzu, 2001.

2. Illi ghalkemm l-attur ipprezenta l-kawza odjerna f'Ottubru tas-sena 2015, il-partijiet ilhom ighixu separati ghal kwazi tlett snin u dan peress illi l-konvenuta telqet mid-dar konjugali flimkien mat-tfal tal-kontendenti f'Gunju tas-sena 2014.

3. Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri, ammont konsiderevoli ta' evidenza dwar il-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet gia' giet prodotta fil-kors ta' smiegh tal-provi u kif sejjer jigi ahjar spjegat, ma hemmx raguni 'l ghaliex il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti ghandu jibqa' fis-sehh.

4. Illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti huwa fl-interess taz-zewg partijiet u konsegwentement fl-ahjar interess tat-tfal taghhom  ghaliex jitnaqqas l-iskop tad-dizgwid ta' bejniethom. Minkejja illi llum il-partijiet ighixu hajja indipendenti minn xulxin, kemm finanzjarjament u kif ukoll emozzjonalment il-waqfien tal-komunjoni jgib il-beneficcju li l-partijiet jkunu jistghu jagixxu f'atti civili minghajr il-kunsens ta' xulxin u kif ukoll – *a fortiori* in vista tal-indipendenza surriferita – li ma jibqghux responsabbli ghad-djun li xi hadd minnhom jista' talvolta jaghmel.

5. Illi l-partijiet jahdmu bhala nurses u ghandhom paga kwazi identika u ma jiddependux minn xulxin finanzjarjament. Inoltre, jigi rilevat illi l-manteniment dovut mill-esponent ghall-bzonnijiet ta' bintu jitnaqqas direttament mis-salarju tieghu.

6. Illi ghalhekk il-konvenuta mhux sejra ssofri xi pregudizzju u certament mhux ser isoffri minn xi pregudizzju spropozjonat f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

i. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan a disposizzjoni tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
ii. Tordna illi s-sentenza hekk mghotija tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u dan a disposizzjoni tal-Artikolu 55 (5) tal-istess Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
iii. Tiddikjara illi r-regim matrimonjali applikabbli bejn il-partijiet huwa dak tas-separazzjoni tal-assi.

U dan taht dawk il-provvedimenti illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta.

Rat ir-risposta tal-konvenuta li eccepiet:-

1.Illi l-esponenti giet notifikata bit-talba ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti nhar it-22 ta' Gunju, 2017.

2. Illi l-esponenti topponi ghall-imsemmija talba u dan stante li kemm-il darba din it-talba tigi akkolta, ser jinholoq pregudizzju irrimedjabbli fil-konfront tal-esponenti u dan ghar-ragunijiet segwenti;

3. Illi preliminarjament jinghad illi l-konsistenza tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti mhix xi wahda kbira hafna, fis-sens li bejn il-partijiet hemm principalment biss il-fond 43, Lwien, Apt.3, fi Triq iz-Zebbuga, Gudja, li l-Perit inkarigat minn din l-Onorabbli Qorti stma bil-valur ta' Eur.110,000 fuq liema ghad hemm loan pendenti;

4. Illi oltre din il-proprjeta' hemm proprjeta' ohra parafernali ta' A ossia l-fond gia' konjugali, fuq liema l-esponenti ghandha kreditu ta' benefikati kif stmat mill-Perit tal-Qorti, Alan Saliba, bil-valur ta' Eur. 28,200 u blokka flats u xi garaxxijiet li nbnew fiz-zwieg fuq art parafernali ta' A, li bl-istess mod il-Perit Alan Saliba stima bil-valur ta' Eur.112,600, oltre xogholijiet li twettqu fil-fond gja konjugali tul iz-zwieg u liema Perit Saliba tah valur ta' Eur.5,300.

5. Illi dan ifisser li sehem ir-rikorrenti mill-istess, b'mod kumplessiv hi ta' xejn inqas minn Eur.113,950 u dan oltre kreditu parafernali ta' Eur.28,200 li hija ghandha ghall-xogholijiet imwettqa minnha fuq il-proprjeta' ta' zewgha.

6. Illi jinghad ukoll illi A anke jikri l-proprjetajiet mibnija fiz-zwieg u ghandu introjtu ulterjuri ta' xejn inqas minn Eur.1,000 fix-xahar, liema sal-lum, nonostante digriet tal-25 ta' Lulju, 2015 u verbal tad-19 ta' Novembru, 2015, ghadu jippercepixxi b'mod esklussiv wahdu anke jekk dawn jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti;

7. Illi iktar minn hekk jinghad illi kif gie ppruvat mix-xhieda migbura quddiem il-Perit Legali Dr.Ramona Frendo, A mhux biss ghamel zbank sostanzjali ta' xejn inqas minn

Eur.35,000 minn kontijiet bankarji, izda anke ishma fuq ismu li jlahhqu mad-Eur.95,000 u fuq liema huwa qed jircievi ‘dividends’ kull tlieta jew erba’ xhur;

8. Illi bir-rispett jigi sottomess illi jekk tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti, il-konvenut ser ikun fil-liberta’ assoluta illi jghabbi l-proprjeta’ parafernali tieghu b’dejn u juza’ l-istess bhala garanzija, bil-konsegwenza li meta din l-Onorabbli Qorti tghaddi ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni l-esponenti mhux ser ikollha mod kif tigbor il-kreditu dovut lilha u sehemha mill-komunjoni.

9. Illi dan qed jinghad ukoll fid-dawl tal-fatt li l-unika proprjeta’ appartenenti l-komunjoni giet stmata mill-Perit tal-Qorti li tiswa’ Eur.110,000, li la jkopri sehem l-esponenti mill-komunjoni tal-akkwisti u fuq liema hemm dejn mal-Bank, li kif inhu risaput dejjem ighaddi lil kull kreditu iehor.

10. Illi b’zieda mas-suespost u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad ukoll illi lanqas mhu minnu li l-introjtu tal-partijiet huwa b’xi mod ugwali, effettivament ir-ragel jaqla’ iktar mill-esponenti u dan oltra d-dhul sostanzjali li huwa ghandu mill-kirijiet liema dhul huwa gie ppruvat fil-mori tal-kawza.

11. Illi l-esponenti umilment tissottometti li rrizulta ampjament kemm mix-xhieda tal-esponenti, tas-social workers u tal-haddiema tax-xelter fejn kienet tinsab l-esponenti mal-ulied illi l-intimat kien aggressiv mal-esponenti u ma’ uliedu; l-esponenti umilment tissottometti li m’hemmx dubbju li ser jigi ppruvat li t-tort ghat-tkissir taz-zwieg huwa unikament attribwibbli lil A u konsegwentement hemm anke lok ghad-divizjoni mhux necesarjament ugwali tal-komunjoni tal-akkwisti.

Ghaldaqstant, l-esponenti tissottometti illi hija tkun ferm iktar ikkawtelata jekk tissussisti l-komunjoni tal-akkwisti, stante li kemm-il darba din tinhall huwa ser ikun f’posizzjoni li jista’ jidhol f’obbligi finanzjarji ma’ terzi a skapitu ta’ kull kreditu li l-esponenti tista’ tigi kanonizzata fuqu.

L-intimata topponi ghat-talbiet kif dedotti fir-rikors ta’ A.

**Ikkunsidrat**

Il-partijiet izzewwgu nhar il-31 ta' Lulju, 1993 u kellhom zewgt itfal, C li twieldet fis-17 ta' Frar, 1995 u D, illi twieldet fit-22 ta' Marzu, 2001.

Ir-rikorrent pprezenta r-rikors guramentat tieghu ghas-separazzjoni personali, fl-20 ta' Ottubru, 2015. Fost it-talbiet ohra komuni f'dawn il-kawzi, hu talab, ix-xoljiment, il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti.

Illi l-intimata pprezentat r-risposta taghha u m'opponitx li jsir ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

Il-Qorti tinnota li l-kawza wasslet fl-istadju fejn qed jingabru l-provi tal-intimata u ghal kwazi sena l-kawza baqqghet tigi differita minhabba li l-partijiet kienu qed jesploraw il-possibilita' ta' separazzjoni konsenswali, minkejja li jidher li din ma sehhitx.

In ogni caso, dina l-Qorti trid tiddetermina jekk takkolji x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, l-intimata tkunx ser isoffri "pregudizzju sproporzjonat." Minn dak li stqarret l-intimata ma jidhirx li l-konsistenza tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti huma sostanzjali, ghax jinkludu biss, dejjem skond l-intimata, il-fond 43, Lwien, Apt.3, Triq iz-Zebbuga, Gudja u li fuqha jezisti loan pendenti.

Il-preokkupazzjoni principali tal-intimata huwa li hemm ukoll id-dar matrimonjali , li hija parafernali ghar-ragel, li fuqha l-intimata tinsisti li ghandha prelevament ta' €28,200 ghall-benefikati li saru fl-istess post u dan skond stima mahduma mill-Perit Alan Saliba. Jirrizulta ukoll li r-rikorrent ghandu ukoll blokk appartamenti u garaxxijiet li nbnew fiz-zwieg, izda fuq art parafernali ghar-rikorrent. Madanakollu, ghal darb'ohra fuq stima tal-Perit Alan Saliba tghid li hija ntitolata ghal valur ta'€112,600, kif ukoll €5,300 ghall-xogholijiet li saru fil-fond tul iz-zwieg.

L-intimata qed toggezzjona ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, ghax b'hekk il-Qorti tkun qed twitti triq ghar-rikorrent li jghabbi l-proprjetajiet li ghandu bid-djun, tant li meta dina l-Qorti tigi biex tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti ma jkunx

hemm bizzejjed assi biex jigi saldat il-kreditu tal-intimata, aktar u aktar meta l-fond li ghandhom il-Gudja, ghadu bid-dejn fuqu.

Oltre minn hekk, l-intimata spjegat li apparti li r-rikorrent jaqla' paga aktar minnha, izomm il-kirijiet li jircievi fuq il-postijiet parafernali, jircievi ukoll xi dividends u ghamel xi zbank ta'ammont ta'xejn anqas minn €35,000.

Ir-rikorrent qed jipprocedi b'din it-talba fit-termini tal-Artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili, riprodott "*supra*" li jaghti d-dritt lil kull parti f'kawza ta' separazzjoni personali, li fil-pendenza tal-istess kawza, titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skond is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Is-subinciz (4) tal-istess artikolu jghid hekk:-

*"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-Qrati ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."*

Skond is-subinciz (6) tal-istess artikolu meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni fil-bidu tal-kawza tal-firda, dan ghandha taghmlu mill-jum li s-sentenza tal-firda tkun finali u konkluzziva.

Fil-kawza fl-ismijiet **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell (Citaz.Nru. 139/12) deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 2015** li kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:-

**"…..il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghall-futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qedghin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici."**

"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li *"f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat."* Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju *incumbit ei qui dicit non ei qui negat* "[1]

**Ikkunsidrat;**

Din il-Qorti hasbet fit-tul fir-rigward u huwa fid-dover taghha li tevalwa jekk bix-xoljiment tal-komunjoni fil-mori tal-kawza xi parti jew l-ohra hux ser tbati pregudizzju u f'kaz affermattiv jekk tali pregudizzju jikkwalifika bhala "mhux proporzjonat."

Huwa fatt li jekk jigi accettat ix-xoljiment, dan qed jirreferi ghal kull azzjoni futura li jsir mill-partijiet. Effettivament, l-assi diga' formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti mhux ser jigu likwidati u assenjati, ghajr meta tinghata s-sentenza ta' separazzjoni finali u konkluzziva. Il-periklu sta fil-fatt, li r-rikorrent ghandu diversi proprjetatjiet parafernali u l-istess intimata hija intitolata ghall-kreditu mill-komunjoni kif ukoll ghall-prelevament f''ammont sostanzjali u ghalhekk dina l-Qorti tista' tifhem il-preokkupazzjoni tal-intimata li tista' tigi pregudikata bix-xoljiment tal-komunjoni – ir-rikorrent jista' jiddejjen u jiggarantixxi l-istess dejn bil-proprjetatjiet tieghu a skapitu tal-intimata.

Huwa minnu ukoll li l-argument tal-intimata jista' ma jkollux fondatezza legali u dan minhabba li jezistu l-azzjonijiet kawtelatorji biex tissalvagwardja dan il-pregudizzju. Madanakollu, ghandu jitqies li mill-provi migbura tul is-separazzjoni, ir-rikorrent qed jircievi l-kirijiet minn dawn il-postijiet, qed jircievi d-dividends u zbanka xi flus. Jezistu pero' krediti favur l-intimata u tenut kont tal-fatt li l-uniku ass tal-komunjoni,

[11] Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi – Qorti tal-Appell deciza fit-28 ta'Marzu, 2015

ghandu d-dejn fuqu, bir-riskju li r-rikorrent jaghmel xi dejn iehor mat-terminazzjoni tal-komunjoni, ipoggiha f'posizzjoni prekarja jekk tigi mwarrba bhala kreditrici primarja ghal dak li hu dovut lilha mill-istess komunjoni.

Kunsiderazzjoni ohra hija li l-provi llum jinstabu fi stadju avanzat, fejn l-intimata qieghda tikkonkludi l-provi taghha. Aktar minn hekk ir-rikors gie pprezentat fit-12 ta' Mejju, 2017 u nel frattemp mhux talli ghaddiet sena, talli l-partiijet kienu sahansitra tul dan iz-zmien jesploraw il-possibilita' ta' separazzjoni konsenswali u ghalhekk, verament ma tinhassx in-necessita' tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, f'mument fejn il-kawza kwazi qed tigi transatta, jew fin-nuqqas, waslet addiritura fl-istadji konkluzivi taghha.

Ghalhekk, wara li l-Qorti analizzat is-sottomissjonijiet tal-partijiet u wara li evaluwat il-fatti kollha tikkonkludi ghab-bazi tar-ragunar fuq espost, li ma hemmx lok ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddeciedi r-rikors tar-rikorrent tat-12 ta' Mejju, 2015 billi tichdu *in toto.*

L-ispejjes ta' din is-sentenza in parte jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef** **Deputat Registratur**

**Onor. Anthony G. Vella**